MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2010

Numru. 189/2010

Il-Pulizija
(Sp Edmond Cuschieri)
vs
Emanuel Galea, bint Carmela, imwieled Pieta’ fit-8 ta’ Diċembru, 1958, Karta ta’ l-Identita numru 7759(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli f’dawn il-Gżejjer, fit-8 ta’ Awwissu, 2009 għal ħabta tal-5.00 p.m. ġewwa l-Mosta volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, u cioe’ għamel ħsara fuq il-vettura tal-għamla Hyundai, bin-numru tar-reġistrazzjoni CAG 758, liema ħsara saret għad-dannu ta’ Carmelo Camilleri u jew persuna oħra, u hija ta’ aktar minn €1,164.69.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex taħseb għas-sigurta’ tal-vittma u il-familja tiegħu billi tapplika garanzija taħt l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat għamel il-ħsara meritu ta' din il-kawża.  I

Illi jiġi rilevat li l-imputat wettaq dan ir-reat wara li l-vittma f'dan il-każ kien spara fuq il-familjari u il-kelb ta' l-imputat mingħajr ebda provokazzjoni.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu bl'attenwanti tal-ewwel proviso tal-artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminali.  Rat l-artikolu 325(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------